MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 299/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Carl Scicluna u l-istess Carl Scicluna**

**vs**

**Charles Glynn**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-5 ta' Gunju, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' Lm1895.53c lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm100 lil Carl Scicluna in segwitu ghal incident stradali li sehh il-Marsa bejn Peugeot numru ABI 541 misjqua mill-attur u Hyundai Stellar nru JAD 592 misjuqa mill-konvenut – prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident, li sehh fl-14 ta' Frar 2003, minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolament.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta’ ittra u konsult u dawk tal-ittra ufficjali tallum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur Carl Scicluna illi kien qed isuq b’velocita’ eccessiva u kellu l-impatt mal-vettura ta’ l-eccipjenti illi kienet totalment fil-karreggjata proprja taghha, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fl-14 ta’ Frar 2003 bejn il-vettura Peugeot ABI 541 misjuqa mill-attur Carl Scicluna u Hyundai Stellar JAD 592 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fil-lilwa hdejn il-monument tar-Repubblika u l-kontroversja bejn il-partijiet qieghda specifikament dwar ir-responsabbilta’ ta’ dan l-incident.

Ikkunsidrat:

L-attur Carl Scicluna xehed illi dakinhar ta’ l-incident fl-14 ta’ Frar 2003 kien qed isuq lejn il-Marsa minn naha tal-Blata l-Bajda fuq l-*outer lane*. Ra l-konvenut hiereg minn *side street* fuq in-nahha tax-xellug tieghu u qaghad fuq l-*inner lane* u qaghdu jsuqu ghal xi distanza hdejn xulxin izda f’daqqa wahda l-konvenut gibed lejn il-lemin biex idur mal-lilwa hdejn il-monument tar-Repubblika u jerga’ jmur

lura fid-direzzjoni tal-Blata l-Bajda. Kien hawnhekk li l-konvenut hasad lil Scicluna, pprova jevitah billi jaqleb il-lane tax-xellug, izda peress li ma kellux fejn jimmanuvra baqa' diehel fuq il-bagoll in-naha ta' wara tal-vettura tal-konvenut. Peress illi kienet ghadha kif ghamlet ix-xita u t-triq kienet xi ftit tizloq il-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' tiela fuq is-*centre strip*.

Minn naha l-ohra l-konvenut a fol 37 filwaqt illi jikkonferma li huwa kien qieghed isuq fi Triq Dicembru Tlettax u ried idur lura lejn il-Blata l-Bajda, meta gie f'tarf Triq Dicembru Tlettax waqaf u ma ra lil hadd, hareg u zamm fuq il-lane tax-xellug. Xeghel l-indicator biex jindika li ser idur lejn il-lemin izda frazzjoni ta' sekonda wara gie milqut mill-karozza misjuqa mill-attur. Ikkonferma li wara d-daqqa ma setax jikkontrolla l-karozza li spiccat fuq is-centre strip.
Kontro ezaminat dwar l-uzu ta' l-indicator qal illi meta qabad it-Triq Dicembru Tlettax u baqa' fil-lane tax-xellug ma regax hares lura, izda ftit qabel ma ddecieda li jaqleb il-lane xeghel l-indicator, izda kif ghamel hekk sar l-impatt.

Xehdu wkoll Mario Mifsud a fol 23 *"Motor Claims Supervisor"* mas-socjeta' attrici Untours fejn ikkonferma illi l-Peugeot ABI 541 hija assikurata maghhom b'polza tat-tip *"comprehensive"*. Ikkonferma l-prospett illi gie esebit f'dawn l-atti u qal li wara li l-assikurat taghhom Carl Scicluna ghamel il-claim, dina giet ipprocessata, sewwew il-karozza u hallsu ghad-danni.

Tonio Mizzi a fol 83 qal li huwa kien is-*surveyor* li spezzjona l-vettura ABI 541. Ra d-dokumenti esebiti fl-atti u xehed li dawn kollha relatati ma' l-incident.

Ikkundisrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib li ghandha hafna x'ticcensura fl-operat tal-konvenut Charles Glynn. Dana kien qieghed isuq fi triq principali u ried jiddisturba l-korsa tat-traffiku billi jaqleb lejn il-lemin u jidher illi ma hax "*a proper lookout"* meta gie biex jaghmel din il-manuvra. *"Ex admissis"* ighid illi meta ddecieda li jaqleb il-lane, xeghel l-indicator u beda bl-istess manuvra

minghajr ma assigura li ma kien hemm hadd fuq in-naha tal-lemin tieghu. Qabel ma hareg ghal Triq Dicembru Tlettax il-konvenut ighid li hares fuq il-lemin u ma ra lil hadd. Beda jsuq, xeghel l-indicator u beda jdur u hemmhekk sar l-impatt. Il-Qorti jidhrilha li din hija manuvra ferm perikoluza da parti tal-konvenut. M'huwiex verosimili li fi Triq Dicembru Tlettax qatt tista' ssib ruhek f'posizzjoni li ma tarax vetturi gejjin mill-Blata l-Bajda. Triq Dicembru Tlettax hija arterja principali li tista' tghid li tghaqqad diversi irhula kif ukoll il-parti ta' isfel ta' Malta u karozzi jkun hemm ghaddejjin dejjem f'kull hin. Anke jekk jista' jkun ghal xi mument ma jkunx hemm traffiku, zgur li dana ma kienx il-kaz, peress illi kif qal l-istess konvenut wara li hareg fuq Triq Dicembru Tlettax xeghel l-*indicator* u sar l-impatt. Dana jfisser li kien hemm vetturi diga' qeghdin f'dik it-triq, vetturi li l-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti ma ndunax bihom. Din it-traskuragni kif gia nghad twassal ghal nuqqas ta' *"proper look out"* da parti tal-konvenut li ma uzax l-*indicator* b'mod diligenti u ma assigurax li kien hemm karozzi fuq il-lemin qabel ma gie biex jiddisturba dik il-karreggjata. Il-gurisprudenza dwar l-uzu tal-*indictor*, hija ben stabbilita, kostanti u profuza. Ghalhekk mhux il-kaz li dawna jigu ripetuti f'dan il-gudikat. Bizzejjed jinghad li l-uzu ta' l-indicator mhuwiex xi brevett ta' immunita' u s-sewwieq ghandu juza dan l-istrument bl-aktar mod kawt u ma jbiddilx id-direzzjoni tal-vettura tieghu qabel ma jkun cert illi huwa mhux sejjer jiddisturba lil xi hadd warajh jew fuq il-lemin tieghu. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-konvenut ghandu xi jwiegeb ghal dan l-incident li ghalih jahti unikament.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fl-14 ta' Frar 2003 fi Triq Dicembru Tlettax il-Marsa bejn il-vettura Peugeot numru ABI 541 misjqua mill-attur u Hyundai Stellar nru JAD 592 misjuqa mill-konvenut u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm1995.53 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat mill-atturi. Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------